

III

(Attī oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 438/12/COL

tat-28 ta' Novembru 2012

li temenda, għas-sitta u tmenin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA,

WARA li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (¹) b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u l-Qorti tal-Ġustizzja, (²) u b' mod partikolari l-Artikoli 5(2)(b) u 24 tiegħu,

Billi:

Il-Kapitolu fil-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà (³) se jiskadi fit-30 ta' Novembru 2012 (⁴),

Dak il-Kapitolu jikkorrispondi għal-Linji Gwida tal-Komunità dwar ghajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Ditti f'Diffikultà, (⁵) li skada fid-9 ta' Ottubru 2012, (⁶)

Fit-28 ta' Settembru il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni rigward il-prolongazzjoni tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Ditti f'Diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004, sakemm jiġi sostituti bir-regoli l-għodda. (⁷)

Il-Kapitolu attwali dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' ditti f'diffikultà li se jiskadi fit-30 ta' Novembru

2012 għandu għallhekk jittawwal sabiex tigħi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli ta' ghajjnuna mill-Istat madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati tal-EFTA ġew ikkonsultati, ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-validità tal-Kapitolu fil-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar l-għanjuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà hija sostituita bir-regoli l-għodda.

Artikolu 2

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2012.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Oda Helen SLETNES

Il-President

Sverri Haukur GUNNLAUGSSON

Membru tal-Kulleġġ

(¹) Il-“Ftehim taż-ŻEE”.

(²) Il-“Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti”.

(³) ĠU L 97, 15.4.2005, p. 41, Suppliment taż-ŻEE Nru 18, 15.4.2005, p. 1.

(⁴) Ara l-paragrafu 90, kif estiż mid-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 433/09/COL tat-30 ta' Ottubru 2009 li temenda, għat-tlieta u sebgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat ĠU L 48, 25.2.2010, p. 27, Suppliment taż-ŻEE Nru 9, 25.2.2010, p. 12

(⁵) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2-17.

(⁶) Ara l-paragrafu 102 kif estiż mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Ghajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà, ĠU C, 156, 9.7.2009, p.3

(⁷) ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3.